Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,601, 1 ta' April, 2021

Taqsima B

A.L. 130 tal-2021

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Ordni tal-2021 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijiet tal-artikolu 23

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 23 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2021 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijiet tal-artikolu 23 u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijiet tal-artikolu 23, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 364.12.

Jemenda l-artikolu 5 tal-ordni prinċipali.

2. L-artikolu 5 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fis-subartikolu (1) il-kliem "1 ta' April 2021" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "1 ta' Awwissu 2021";

(b) fil-paragrafu (b) tal-ewwel proviso l-kliem "30 ta' April 2021" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "31 ta' Awwissu 2021"; u

(ċ) fit-tieni proviso:-

(i) minnufih wara l-kliem "dwar il-konvenju", għandhom jidħlu l-kliem "għall-bejgħ jew għat-trasferiment";

(ii) il-kliem "1 ta' April 2021" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "1 ta' Awwissu 2021"; u

(iii) il-kliem "31 ta' Diċembru 2021" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "31 ta' Jannar 2022".